# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-26 ta' Novembru 2019**

Appell numru 251 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Tony Armando ZAHRA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Mejju 2017 fil-konfront ta' Tony Armando ZAHRA, karta tal-identita bin-numri 72688M fejn ġie mixli talli:

    Talli nhar il-10 ta' Novembru 2013, ghall-habta ta' bejn 15:30 u 16:00, gewwa numru 404, Triq il-Kbira, Mosta :
    1) Volontarjament ikkaguna girehi ta' natura gravi fuq Dorianne Abela, hekk kif iccertifikat Dr. Alicia Dimech (Reg. No. 5426) gewwa l-Isptar Mater Dei;
    2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Dorianne Abela sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Dorianne Abela tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta taghha;
4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna liz-zewg uliedu minuri, u cioe' lil Shanice Abela u lil Naomi Abela jibzaw illi ser tintuza vjolenza kontrihom;
5) U aktar talli rrendu ruhu recediv b'diversi sentenzii moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu;
6)Il-Qorti tista' jekk jidhrilha xieraq, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Dorianne Abela, Shanice Abela w Naomi Abela jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u semgħet il-provi prodotti u rat id-dokumenti kollha eżebiti f'dan il-każ, rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 214, 215, 218, 222(1), 251(1)(2)(3), 250(1)(2), 339(1)(d), 341, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellant mhux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u illiberatu minnhom filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjonjiet u kkundannatu għall-pienat ta' sentejn priġunerija. Inoltre, ordnat il-ħruġ t'ordni ta' protezzjoni għal perjodu ta' tliet snin favur Dorianne Abela skont l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħati permezz ta' rikors li jġib id-data tad-19 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu huwa saħaq li l-Qorti tal-

Maġistrati li l-piena inflitta fuqu kienet waħda għolja ħafna minħabba l-fatt li :

(a) il-Qorti naqset milli tieħu kont tal-fatt li huwa kien ibgħati minn problema tal-abbuż mid-droga għal diversi snin;
(b) li huwa kien intiż li jidhol għal programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga;
(c) li l-meritu tal-każ kien imur lura lejn l-2013 u għalhekk diversi snin ilu.

4. Rat id-dokumenti kollha eżebiti fl-atti u fliet ix-xiehda tax-xhieda u l-argumenti sottomessi fit-trattazzjoni ta' dan il-każ;

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi dan huwa appell illi għalkemm imfassal fuq tliet aggravji, huwa essenzjalment iffukat fuq il-*quantum* tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant. Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

6. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni

tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

7. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

8. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni

ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

9. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

10. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittattiv u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

11. F'dawn il-proċeduri t'appell, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha, jekk il-piena inflitta minnha kienet taqa' fil-parametri legali u jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

12. Din il-Qorti tqis li, in bażi għall-provi imresqa u l-argumenti legali mistqarra quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha li ssib ħtija fl-appellant. Tibqa' l-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a

> sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

13. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell

Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

14. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

15. F'dan il-każ, il-piena kienet fil-parametri legali u kienet kwalitattivament korretta. Biss għar-raġunijiet li sejrin jissemmew biċ-ċar f'din is-sentenza, il-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet eċċessiva b'riferenza għall-offiża in kwistjoni. Biss meta jittieħed kont tal-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, nonche taċ-ċirkostanzi tal-ħati skont kif imsemmi mill-ġurisprudenza Ingliża, hemm lok li jkun hemm temperament li jirrifletti aktar il-bilanċ bejn l-offiża imwetqa u l-effetti tal-piena spjegati aktar il-fuq.

16. Il-punt ta' tluq huwa li l-ġurisprudenza tgħallem li bħala regola, każijiet t'offiżi fuq il-persuna għandhom ikunu puniti b'piena karċerarji effettivi,[1] u tqis ukoll li anke f'dan il-każ, il-piena idoneja kellha tkun dik ta' priġunerija effettiva. F'dan is-sens ma kienx

[1] Ara ***Il-Pulizija vs Mariano Camilleri*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-8 ta' Frar 2002, kif ukoll ***Il-Pulizija vs Youssef Mbarrek*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-4 ta' Ġunju 2010.

hemm żball fil-prinċipju in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati erogat il-piena korretta – dik ta' priġunerija. Dan kien każ fejn l-azzjoni tal-appellant magħmula waqt argument ma dik li kienet is-sieħba tiegħu u li magħha kellu żewġt itfal, issarfet f'offiża ta' gravi fuq il-persuna ta' Dorianne Abela. Dan kien reat li kien jaqa' fit-tifsira ta' vjolenza domestika. Ġie pruvat soddisfaċentement lill-Qorti tal-Maġistrati li bejn l-appellant u Dorianne Abela kien hemm żewġt itfal minuri u għalhekk l-offiża ta' natura gravi kienet ukoll kwalifikata bl-aggravju msemmi fl-artikolu 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu bejn l-appellant u l-vitma kien hemm ir-rabta imsemmija taħt l-artikolu 202(h)(iv) tal-Kodiċi Kriminali u li għalhekk jimmerita awment fil-piena bi grad skont kif imsemmi fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali.

17. Mill-banda l-oħra meta eżaminat l-atti, din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati li f'dan il-każ l-offiża ta' natura gravi kaġunata mill-appellant kienet dik imsemmija mill-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali skont kif kitbet il-Qorti tal-Maġistrati fil-parti dispożittiva tas-sentenza tagħha. Minn qari tar-relazzjoni tal-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri jirriżulta, f'paġna 195, li bħala konsegwenza tal-aggressjoni kommessa fuq persunta mill-appellant hija sofriet minn ksur tal-għadma tal-imnieħer kif ukoll kellha laċerazzjoni fuq imneħirha li kellha tiġi trattata bil-*butterfly stitches*. Din iċ-ċikatriċi kienet tidher minn *talking distance*, filwaqt li l-frattura tal-imnieħer kienet leżjoni ta' natura gravi *per durata*.

18. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ tqis li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u raġonevolment issib lill-imputat ħati taħt l-artikolu 218 meta l-konsegwenzi kienu dawk imsemmija aktar il-fuq. Iċ-ċikatriċi li baqgħet fuq wiċċ Dorianne Abela, għalkemm viżibbli minn *talking distance*, mhix tali jġib xi forma ta' ribrezz jew ripunjanza. Hija ħsara li tirriżulta fir-regolarita tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti jew fis-sbuħija tal-wiċċ. Iżda żgur mhux sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ.

19. Illi dan iġib miegħu konsegwenza kbira fuq il-piena applikabbli in kwantu dak iż-żmien meta seħħ dan ir-reat, il-piena bażi għall-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali kienet dik ta' disa' xhur priġunerija mentri dik mijsuba taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali kienet dik ta' tliet xhur priġunerija. F'dan il-każ irid jiżdied grad b'mod tassattiv in kwantu tirriżulta l-kwalifika taħt l-artikolu 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk il-minimum fil-każ taħt l-artikolu 218 kien jiżdied minn disa' xhur għal tlettax il-xahar. U stante li l-appellant kien ġie wkoll ritenut bħala reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali il-piena kienet titla għal minn tal-anqas tmintax il-xahar priġunerija.

20. Biss fil-fehma ta' din il-Qorti l-applikazzjoni tal-piena taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ, tenut kont tal-provi imresqin hija ritenibbli bħala *żball fil-prinċipju* li fuqu hija bażata s-sentenza. L-offiża ta' natura gravi subita mill-vittma f'dan il-każ hija klassifikabbli taħt l-artikolu 216(1)(b)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk għalkemm il-piena ta' sentejn priġunerija xorta waħda

kienet taqa' fil-parametri tal-piena stabbilita bl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, in kwantu din kienet ukoll tippreskrivi piena ta' bejn tliet xhur u tliet snin priġunerija, fil-fehma ta' din il-Qorti dik il-kwantita ta' piena kienet ġiet inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati minħabba li hija kienet sabet il-ħtija taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali u mhux taħt l-artikolu korrett għal dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali.

21. Taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali applikabbli għal dan il-każ, il-minimum tal-piena kien jiżdied minn tliet xhur għal ħames xhur. Mill-banda l-oħra stante li l-appellant jirriżulta li huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, u b'hekk din il-piena titla' għal seba' xhur priġunerija.

22. Illi minbarra dan il-fattur, hemm ukoll episodju ieħor li jrid jittieħed in konsiderazzjoni u li huwa l-maħfra tal-vitma Dorianne Abela. Din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tisma' x-xiehda ta' Dorianne Abela għal aktar minn darba, u kif jidher ukoll mill-atti bl-għajnuna ta' esperti minħabba kundizzjoni li sofriet xi żmien wara li seħħ dan il-każ. Għalkemm jirriżultaw provi fl-atti li fil-bidu tal-proċedura l-appellant kien ipprova jagħmel xi pressjoni fuq Dorianne Abela biex iċċedi l-każ, quddiem din il-Qorti, għal aktar minn darba, f'okkażjonijiet separati, aktar minn ħames snin u nofs wara l-akkadut u anke fil-preżenza u bl-għajnuna tal-professjonisti esperti appuntati biex jgħinuha, il-Qorti semgħet lil Dorianne Abela tirribadixxi li hija kienet riedet taħfer lill-appellant u li kien għaliha din il-proċedura kontra tiegħu kellha tieqaf.

23. F'dan il-każ jirriżulta li l-proċediment inbeda *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva. Dak iż-żmien l-artikolu 543 kien jipprovdi hekk :

> 543. Il-pulizija tista' tagixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
>
> (e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:
>
> Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika:
>
> Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

24. Illi dan l-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi sitwazzjonijiet fejn il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-proċeduri penali **ukoll mingħajr il-kwerela tal-parti privata** f'kull wieħed mill-każijiet li jissemmew taħt dak l-artikolu. Fil-fatt ir-reati ta' vjolenza domestika kienu elenkati speċifikament fost dawn il-każijiet. In kwantu tali, il-proviso u t-tieni proviso għal dan l-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali japplikaw għal dawn il-każijiet ta' vjolenza domestika b'mod ġenerali; u l-Liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn dawk il-każijiet ta' reati ta' vjolenza domestika li jkunu persegwibbli bil-kwerela tal-parti kif ukoll dawk li ma jkunux. U dan peress li dawk ir-reati ta' vjolenza domestika kollha ġew ritenuti li huma proċedibbli *ex officio* bis-saħħa tal-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali.

25.F'dan il-kuntest, fil-kuntest ta' reati mhux persegwibbli bil-kwerela tal-parti leża u li għalhekk tkun tista' tiġi rtirata minnha, il-Leġislatur xorta għażel li jagħti l-fakulta lill-vittma ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika li tkun tista' titlob lill-Qorti li **twaqqaf** il-proċeduri kontra l-awtur. Il-Liġi tgħid li meta ssir talba bħal dik, il-Qorti **tista'** tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

26.Jiġifieri kif inhi miktuba l-Liġi turi li l-vitma tal-allegata vjolenza domestika qegħda tingħata d-dritt li titlob lill-Qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-imputat. Anzi mill-mod kif inhi miktuba l-Liġi jidher ċar li l-Liġi qegħda titfa' l-piż tad-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-azzjoni mhux daqstant fuq il-Qorti daqskemm fuq il-vitma. Dan peress li jekk il-Qorti ma tordnax li l-proċedura titkompla, l-posizzjoni bażi hi li t-talba tal-vitma li l-proċeduri jieqfu.

27.Imbagħad ikun jispetta lil Qorti li, u meta ssir talba bħal dik il-Qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, wara li tieħu kont mhux biss ta' dik it-talba iżda wkoll filwaqt li tagħti konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-minuri involuti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

28. Ma hemmx dubju li dan kien każ ta' vjolenza domestika fis-sens tal-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali.[2] Il-Qorti għamlet li setgħet biex tistabbilixxi kemm id-deċiżjoni ta' Dorianne Abela kienet meħuda b'mod konxju lil hinn minn kull pressjoni jew theddid. F'dan il-każ jirriżulta li Dorianne Abela anke bl-għajnuna tal-professjonisti imqabda mill-Qorti baqgħet tinsisti li illum il-ġurnata r-relazzjoni tagħha mal-appellant kienet tjiebet u li hija riedet mhux biss li taħfer lill-appellant iżda wkoll li twaqqaf il-każ f'dan l-istadju. Il-Liġi tagħti dritt lil Dorianne Abela li tagħmel din it-talba. Biss din il-Qorti f'dan l-istadju ma tqisx li din għandha tiġi milqugħa.

## *Deċide*

Li għall-motivi premessi, il-Qorti, qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi filwaqt li tilqa l-aggravju tal-appellant relattivament għall-piena, tirriforma s-sentenza appellata billi :

(a) tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni tal-offiża gravissima ai termini tal-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali u minflok issibu ħati tal-offiża gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b)(d) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) f'dik il-parti li titratta l-piena inflitta billi tħassarha fejn ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' sentejn priġunerija u fid-dawl tal-maħfra tal-parte civile Dorianne Abela, tikkundannah

[2] in kwantu jittratta att ta' vjolenza, anke jekk verbali biss li ssir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor, inkluż kull omissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lill-ieħor; kif ukoll li l-appellant u Dorianne Abela huma membri domestiċi in kwantu għandhom żewġt itfal bejniethom.

għall-piena fil-minimu u ċjoe għall-perjodu ta' **seba' xhur priġunerija**; u

(c) fid-dawl tal-maħfra ta' Dorianne Abela tħassar ukoll l-ordni ta' protezzjoni maħruġa fil-konfront ta' Dorianne Abela;

(d) Altrimenti tikkonfermaha fil-kumplament tagħha.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***